MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Numru 212/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**versus**

**Nunzio Conte**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nunzio Conte ta' 29 sena iben Eugenio u Mary nee' Saliba mwieled Napli fis-26 ta' Settembru 1973 u residenti Misrah iz-Zghazagh Luqa, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 52995(M).

Akkuzat tali f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Dicembru 1995 u fi Frar 1996

(a) biegh jew xort'ohra ttrafika l-pjanta cannabis jew bicca minnha kif ukoll ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(b) u (e) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta
(b) Talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Dicembru 1995 u Frar 1996 sa l-10 ta' Jannar 1998 kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew xi bicca minnha kif wkoll ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat bin-numru 529 tan-1995; il-fedina penali tiegħu a fol 3; l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tat-3 ta' Frar 1998; l-istqarrija li għamel l-imputat fil-11 ta' Jannar 1998 li tinsab a fol 10, il-ħatra ta' l-ispiżjar Mario Mifsud biex jagħmel analiżi ta' l-esebiti f'fol 5; ir-rapport ta' l-espert Mario Mifsud dwar dokumenti illi kien eżamina; id-dikjarazzjoni magħmula miż-żewġ partijiet li ma kienx hemm għalfejn jinstemgħu x-xhieda li kienu diġa instemgħu minn din il-Qorti kif diversament preseduta a fol 29, il-proċess Spettur Neil Harrison vs William Attard deċiż fit-12 ta' Jannar 1999; il-proċess Spettur Norbert Ciappara u Spettur Neil Harrison vs Irene Fenech u l-verbal li fih dan il-proċess tħalla għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Fil-qosor skond kif spjega l-ispettur Norbert Ciappara fix-xhieda tiegħu waqt l-investigazzjonijiet kien ssemma ċertu Nunzio Conte li hu kien ġieli ssuplixxa l-ħaxixa għand xi żgħażagħ li kienu qed jiġu investigati. Fil-11 ta' Jannar 1998 kienet saret tfittxija fid-dar ta' Nunzio Conte u hu

kien ġie arrestat. Fid-dar tiegħu kienu instabu xi roaches fil-bin. L-ispettur qabel mad-difiża illi dak li kien ġie esebit kien sempliċiment roaches li kien fadal minn tliet joints.

L-istqarrija ta' l-imputat

Fit-12 ta' Jannar 1998 l-imputat qal li huwa care worker u jaħdem mal-Caritas. Meta marru l-pulizija d-dar kienu sabu fil-bin pakkett tas-sigaretti Rothmans blu li kien fih xi roaches ta' joints tar-taża tal-cannabis. Dawn kien pejjiphom xi ħames xhur qabel. Fis-Sajf 1995 kien jkun il-bandli ta' Ħal Luqa ma ċertu William Attard, Irene Fenech u Marius Stanier. Huwa qal li dak iż-żmien ġieli pejjpu l-blokka tal-cannabis pero ma ftakarx min kien iġib ir-raża tal-cannabis. Ftakar li kienet tobrom Irene Fenech. Huwa wieġeb ukoll li ġieli kien mar fil-flat ta' Irene ġewwa B'Bugia. Kien mar xi ħames darbiet. Meta kien fil-flat, ġieli pejjep il-ħaxixa li kienet tkun blokka. Irene Fenech kienet ġġib il-blokka u l-joints ġieli barmithom hi. Hu qal li qatt ma ħallas flus għalkemm ftakar imbgħad li darba ħallas xi LM10 lil Irene Fenech. Huwa semma wkoll li f'SEttembru 1995 kien mar night picnic f'Selmun ma William Attard u Irene u Marius Stanier u Janice minn Ħal Luqa u xi ħadd Martin. Kien ra lil Irene tobrom joint tal-grass tal-cannabis. Huwa qal illi kien konxju tal-ħazin u ħajtu kienet inbidlet għat-tajjeb.

Mill-eżami illi għamel l-ispiżjar Mario Mifsud fuq ir-roaches miġburin mid-dustbin tad-dar ta' l-imputat kienu sabu traċċi tas-sustanza tetrahydrocannabinol.

Meta xehdet Irene Fenech qalet illi lill-imputat kienet tafu pero dan kien dejjem f'xi relazzjoni ma tfajla. Hi kkalkulat li kienet tafu xi 8 snin qabel u qalet li jew 1996 jew 1997. Dwar l-imputat a fol 33 qalet 'xi drabi konna ħadna xi nifs flimkien fil-bandli jew inkella fil-flat ġewwa B'Buġia.' Kienu marru xi darba fi żmien il-Milied. Dwar in-nifs li kienu ħadu dan kien smoke jew blokka. U qalet li kienet blokka tal-ħaxixa. Dwar il-presenza ta' l-imputat din qalet illi kien xi darba u mhux iktar minħabba illi dan kien dejjem għarus. Bil-ġurament hija qalet wkoll li l-imputat żgur li ma kienx ġab xi affarijiet fil-flat. U dwar dawk li kienu jġibu l-

ħaxixa, hija kienet semmiet lil żewġ persuni oħra, lil Dean u Simon. F'mument minnhom kellha dubbju jekk qattx mar il-flat. Hija insistiet illi l-fatt li Nunzio Conte kien jkun fil-kumpanija tagħhom, mhux bilfors li kienu jieħdu d-drogi flimkien. Għal mistoqsija oħra f'fol 38 jekk l-imputat kien jġib id-droga, it-tweġiba kienet le.

Xehed ukoll William Attard McCarthy li qal li l-perjodu kien bejn l-1995 sa 1997 (fol 43). Lill-imputat kien jafu illi kienu ltaqgħu il-bandli ta' Ħal Luqa u forsi darbtejn jew tlieta fi flat ġewwa B'Buġia. Huwa qal a fol 44 illi l-cannabis l-ħaxixa kienu jġibuha jew Irene jew Simon u qal li ġieli kien jkollu l-imputat. U minnha kienu jpejjpu kollha (fol 45).

Mill-proċess ppreżentat, Spettur Neil Harrison vs William Attard jirriżulta illi William Attard kien ammetta l-imputazzjoni kontrieh Fil-proċess hemm stqarrija ta' William Attard iżda din mhix ġuramentata u skond il-Kodiċi Kriminali tista tintuża biss fil-konfront ta' min għamilha u mhux ta' ħaddieħor. Għaldaqstant dak li hemm fl-aħħar vers ta' l-ewwel faċċata ta' din l-istqarrija, il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tiegħu.

Xehdu wkoll PC733 Joseph Galea u PS 579 Antoine Micallef illi kienu involuti fit-tfittxija fil-kamra tas-sodda ta' l-imputat u t-tnejn qalu li kienu elevaw xi rouches suspettati bir-raża tar-resina tal-cannabis fihom (fol 52 sa 55).

Mill-proċess Spettur Norbert Ciappara u Supretendent Neil Harrison vs Irene Fenech, jirriżulta illi saret stqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Din kienet stqarrija magħmula minn Irene Fenech fit-8 ta' Jannar 1998 u hija semmiet illi għall-ħabta tax-Xitwa 1995 u 1996 jiġifieri fix-xhur ta' Frar 1996 u x-xhur ta' qabel u f'dawk iż-żminijiet, hija kienet tagħmilha ma ċertu nies li ħafna minnhom minn Ħal Luqa. Hija semmiet diversi nies u fosthom semmiet wkoll lil Nunzio Conte l-imputat a fol 9. Hija kienet semmiet wkoll li l-cannabis kien jġibha Simon Sultana għalkemm Neil wkoll ġieli ġab.

Xhieda difiża

Xehed l-imputat Nunzio Conte illi mill-ewwel ammetta li t-tliet roaches li sabu fil-kamra tiegħu kienu tiegħu (fol 59). Huwa qal li kien hemm ftit drabi meta uża d-droga u semma xi tliet darbiet. Dwar it-tliet biċċiet li sabu l-pulizija qal li dik kienet okkażżjoni u ma kienx jieħu iktar. Fil-fatt ftit tax-xhur qabel huwa waqaf. Huwa ċaħad li għen lil ħaddieħor biex jieħu d-droga. Huwa qal li qatt ma ssuplixxa lil ħadd. Huwa qal li meta kienu jiltaqgħu bħala żgħażagħ kienu jpejjpu d-droga u u li kienu jagħmulha individwalment u hu ma ħallas xejn lil ħadd. Huwa qal li ma kien akkwista xejn mingħand ħaddieħor. Huwa ftakar li kien jkun hemm speċi ta' joint u jpejjpu minnu, (fol 62). Pero meta kien mistoqsi jekk jdawwruhx bejniethom, huwa qal 'le normalment kulħadd jkollu l-joint tiegħu separatament.' Meta kien mistoqsi mill-prosekuzzjoni, huwa qal li fil-flat ta' Irene kien mar darba u meta kien mistoqsi mill-prosekuzzjoni 'imma meta kont hemm, dawwartu l-ħaxixa bejnietkom?' Ix-xhud qal 'Iva.' Ma setgħax jiftakar min ssuplixxa l-ħaxixa.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jikkonsistu minn stqarrijiet u evidenza orali.

Mill-istqarrija ta' l-imputat jirriżulta li r-roaches elevati mill-Pulizija kienu tiegħu u li hu kien pejjiphom xi ħames xhur qabel il-11 ta' Jannar 1998 (jiġifieri madwar il-11 ta' Awwissu 1998).

Ix-xhieda forensika tikkonferma li s-sustanza misjuba kienet Cannabis.

Mill-istess stqarrija jirriżulta wkoll li meta fis-sajf ta' l-1995, kien ikun il-bandli mal-grupp ta' żgħażagħ l-oħra huma ġieli pejpu blokka tal-kannabis. L-istess kien jgħamel meta kien ikun fil-flat ta' Irene. Filfatt stqarr:

'Niftakar li meta jiena kont mort fil-flat ta' Irene ġieli pejjipna l-ħaxixa. Din il-ħaxixa kienet tkun blokka. Irene kienet iġġib il-blokka u l-joints ġieli barmithom hi.'

L-imputat nnega li kien qatt wassal il-cannabis hu meta kien jiltaqa' mal-grupp.

Meta xehdet viva voce Irene Fenech stqarret li kienet semmiet lill-imputat u biex tkun ċara qalet:

'Semmejtu imma xi drabi forsi ħadna xi nifs flimkien.'

Din kienet tkun blokka (fol. 34)

Dwar l-imputat Irene Fenech qalet li kien magħhom xi darba l-bandli u nnegat li hu qatt ġieb xi droga miegħu (Ara: fol.34 u 38) A fol.35 hija żiedet tgħid li lill-imputat kienet tafu u fil-kumpanija bil-fors jieħdu d-drogi flimkien.

William Attard McCarthy xehed li fil-perjodu bejn l-1995 sa l-1997 kienu jiltaqgħu il-bandli ta' Ħal-Luqa u għal xi darbtejn jew tlieta ġo xi appartament f' Birżebbuga. Huwa xehed li ġieli kien ikollu d-droga ċertu Simon u ġieli kien ikollu l-imputat.(fol.44) Kienu jpejpuha kollha.

L-istqarrija li għamel dan ix-xhud u li tidher fil-proċess 'Il-Pulizija kontra William Attard' ma tistax tkun ikkunsidrata minħabba li din ix-xhieda mhix ġuramentata ai fini ta' l-artikolu 24(12) tal-Kap 101 u allura ma tgħoddx fil-konfront ta' l-imputat ai termini tal-Kap 9.

Mix-xhieda ta' l-imputat jirriżulta dan li ġej:

(a) l-ammissjoni tal-pussess tar-roaches li sabu l-Pulizija; (fol 59)
(b) li għamel xi perjodu juża d-droga u kien ħa xi tliet darbiet;
(c) ċahad li huwa qatt ta d-droga lil xi ħadd;
(d) Meta kien jiltaqa' mal-grupp imsemmi kien jpejpu d-droga iżda dan kien isir individwalment u qatt ma ħallas xejn lil ħadd u qatt ma ħa flus minn għand ħadd;
(e) Li ma jiftakarx min kien iġib id-droga u kulħadd kien ikollu l-joint tiegħu;

(f) Li meta marru fil-flat tal-Birżebbuġa kien dawru l-ħaxixa bejniethom (fol 63).

Konklużjonijiet tal-Qorti

Mid-data mogħtija fit-tieni imputazzjoni (Diċembru 2995 sa l-10 ta’ Jannar 1998) jirriżulta l-pussess jirriżulta li l-imputat kien fil-Pussess tal-pjanta cannabis jew biċċa minnha kif ukoll mir-raża meħuda mill-pjanta cannabis u dan a bażi ta’ l-istqarrija ta’ l-imputat, u minħabba s-sejba tar-roaches li l-imputat stess indika meta kien pejjiphom. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

Dwar l-ewwel imputazzjoni l-Qorti tinnota li l-aħjar indikazzjoni ta’ xi dati tinsab fl-istqarrija ġuramentata ta’ Irene Fenech li qalet li;

‘Għall-ħabta tax-xitwa ta’ l-1995/6 jiġifieri fix-xahar ta’ Frar 1996 u x-xhur ta’ qabel, kont ngħamilha ma’ nies li ħafna minnhom kienu minn Ħal-Luqa.’ Fost dawn il-ħbieb ix-xhud kienet semmiet lill-imputat. Imbagħad, meta xehdet, qalet li ma kienx iġib id-droga hu. Dwar dan il-perjodu (a fol.33) x-xhud qalet li ‘forsi ħadna xi nifs flimkien biex inkunu ċari.’

Teknikament, li wieħed jieħu nifs mill-istess sigarett tal-cannabis ikun jista’ jinstab ħati ta’ traffikar minħabba d-definizzjoni ta’ traffikar li ta l-Leġislatur fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101. L-imputat semma l-istess żmien (il-Milied ta’ l-1995) u meta pejpu l-cannabis-kemm ħdejn il-bandli kif ukoll fil-flat ta’ Irene Fenech fejn hu qal li mar ħames darbiet-din kienet tkun blokka.

Iżda mhux ippruvat b’mod ċar biżżejjed jekk kienx kulħadd jieħu mill-istess sigarett jew inkella jekk hux kulħadd kien ikollu joint separatament. Filfatt, fl-istqarrija tiegħu l-imputat jgħid li Irene Fenech kienet iġġib il-blokka u l-joints ġieli barmithom hi.

Minn dak kollu, il-Qorti m’għandux prova ċara la li l-imputat kien iġib id-droga hu u lanqas li t-tipjip sar mill-istess joint għalkemm il-joints setgħu saru mill-istess blokka. Għal din ir-raġuni il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101, qegħda (i) tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni; (ii) qed issibu ġati tat-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti flok tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Il-Qorti fehmet l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.

Tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta’ l-espert – LM27.00
Tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------